# Ġ 4.3 IT-TIBDIL SKONT L-ISTAĠUN



**Ġ4.3.3**

Nifhmu kif jeżistu staġuni differenti minn tagħna madwar id-dinja.

**Riċerka ta' Philip Demicoli – Kulleġġ San Benedittu**

## A. Klimi Differenti




1. **MALTA u l-Pajjiżi tal-Mediterran**: Hawnhekk il-klima tkun sħuna u niexfa fis-sajf imma kiesħa u mxarrba fix-xitwa.



2. **IR-RENJU UNIT (L-Ingilterra, Wales, L-Iskozja u l-Irlanda ta' Fuq)**: Għalkemm nistgħu ngħidu li kemm malta kif ukoll Ir-Renju Unit jiffurmaw parti mill-Ewropa, fir-Renju Unit tagħmel ħafna iktar xita u jagħmel ħafna iktar ksieħ milli jagħmel Malta. Matul is-sajf fir-Renju Unit, l-arja tkun kiesħa u tinżel ħafna xita. Fix-xitwa, fir-Renju Unit jagħmel ħafna ksieħ u jinżel ħafna silġ.

3. **L-EĠITTU**: In-naħat t'isfel tal-Eġittu nsibu ħafna deżert. Id-Deżert tas-Saħara jiksi parti kbira mill-kontinent Afrikan; hawnhekk tagħmel nixfa kbira u l-klima tkun sħuna ħafna. Għalkemm xita tinżel ftit li xejn,

xorta nsibu bosta annimali li adattaw irwieħhom u jgħixu hawn. Insemmu l-iġmla, sriep u ċriev. Bosta nies jaqilgħu x'jieklu billi jrabbu merħliet kbar ta' mogħoż u nagħaġ. Dawn in-nies ngħidulhom nomadi, għaliex dejjem mexjin minn post għal ieħor, jgħixu fit-tined u jfittxu dejjem xi oasi fejn ikun hemm l-ilma u l-ħaxix għall-merħliet tagħhom. Xi postijiet oħra fl-Afrika tagħmel iktar xita, allura nsibu għadajjar kbar u iktar ħdura. Hawnhekk insibu iktar annimali bħall-iljunfanti, iż-żebra u l-ġiraffi.



Figure 1 - Map of Egypt showing the locations of Deir el-Medina, the Valley of Kings, and Wadi Hammamat.




4. **L-AMERIKA T'ISFEL – IL-BRAŻIL**: Fl-Amerika t'Isfel, fil-pajjiżi li jinsabu qrib l-Ekwatur bħall-Brażil, tinżel ħafna xita imma tagħmel ħafna sħana matul is-sena kollha. Hawnhekk insibu l-ikbar foresta tad-dinja. F'din il-foresta jgħixu ħafna annimali slavaġ.

5. **L-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA**: hawnhekk insibu sensiela ta' muntanji kbar magħrufa bħala *The Rocky Mountains*. Dawn il-muntanji jaslu saħansitra sal-Kanada. Hawnhekk jagħmel ħafna riħ u jagħmel ukoll ħafna bard. Meta jibda jinħall is-silġ, l-ajkli jagħmlu l-bejtiet tagħhom f'dan l-ambjent.



6. **IL-POLI TAT-TRAMUNTANA U TAN-NOFSINHAR**: F'dawn ir-reġjuni ta' kesħa kbira, insibu silġ jiksi kullimkien matul is-sena kollha. Minkejja l-ambjent aħrax u kiesaħ insibu nies bħall-Eskimi jgħixu hawn. Fil-Pol tat-tramuntana jgħix l-Ors Polari filwaqt li fil-Pol tan-Nofsinhar insibu l-pengwini.






7. **IĊ-ĊINA**: fiċ-Ċina nsibu l-kesħa kbira tal-muntanji Ħimalaja. F'partijiet oħra taċ-Ċina nsibu foresti kbar fejn normalment tagħmel ħafna sħana u tinżel ħafna xita.

8. **L-INDJA**: fl-Indja, il-klima tinbidel minn sitt xhur sħaħ ta' xita għal sitt xhur ta' nixfa kbira.
Sikwit, minħabba n-nixfa, imutu bosta annimali.



9. **IR-RUSSJA**: Fir-Russja, pajjiż kbir ħafna, insibu bosta muntanji. Il-klima fir-Russja taf tkun waħda estrema, jiġifieri jew tagħmel kesħa kbira jew tagħmel sħana kbira.




Fis-Siberja (parti mir-Russja) it-temperatura ġieli tinżel 70 grad taħt iż-żero. Fis-sajf imbagħad ġieli titla' 40 grad.



10. **L-AWSTRALJA**: hawnhekk insibu bosta reġjuni fejn il-klima tixbaħ lil dik ta' Malta. Imma l-Milied hawnhekk jiġi ċċelebrat fis-sħana tas-sajf.

Fl-Awstralja nsibu wkoll partijiet miksija bid-deżert.

